**MARSAXLOKK**

**Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council**
**2 Triq Vittorio Cassar**
**Marsaxlokk MXK 1051**
**Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555**
**e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt**

**Lill-Membri kollha tal-Kunsill**

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2016 fil-12:00 p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum it-28 ta' Marzu 2016
Nru 19

## Aġenda

1. Karrijiet u oggetti ta' Ingombru

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta b'urgenza nru 19, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2016, fi 12:30 p.m.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Viċi-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.)<br>Stephen Caruana (S.C.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

**Agenda ghal-laqgha :**

---

1. Karrijiet u oggetti ta' ingombru

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**19/01 Karrijiet u oggetti ta' ingombru**

19/01/01 Is-Sindku fetah is-seduta billi ta rendikont tal-akkadut dwar il-materja. Is-Sur Gauci semma fost l-ohrajn kif wara li l-Kunsill Lokali kien gie mwieghed illi l-Gvern Centrali kien ser ikun qieghed jalloka art sabiex tintuza minn sajjieda halli jitpoggew karrijiet u opri tal-bahar, il-Kunsill Lokali kien ta c-cans sabiex fiz-zmien imwieghed tigi implimentata l-inzijativa. Sussegwentement, u wara li l-materja kienet giet diskussa waqt seduti precendenti tal-Kunsill Lokali, peress illi l-wieghda baqghet ma gietx implimentata, il-Kunsill Lokali kien zamm konferenza ghall-istampa bil-ghan illi l-pubbliku jigi mgharraf bic-cirkostanzi.

19/01/02 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jzomm mal-pozizzjoni li kien ha originarjament u jniehdi l-proceduri sabiex tibda' t-tnehhija mil-lokalita' ta' karrijiet u oggetti ohra ta' ingombru li kienu mitluqa fit-toroq ta' Marsaxlokk b'mod illegali. Is-Sur Stephen Caruana qal illi fl-opinjoni tieghu, il-proposta tas-Sur Grech ma kenitx l-ahjar soluzzjoni. Is-Sur Grech gibed l-attenzjoni tas-Sur Caruana ghall-fatt illi l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali dwar il-materja kienet ilha tigi diskussa waqt seduti tal-Kunsill Lokali, liema seduti huwa ma kiex prezenti ghalihom. F'dan l-istadju is-Sur Grech talab lis-Segretarju Ezekuttiv jivverifika l-prezenza tas-Sur Caruana waqt seduti li matulhom giet diskussa l-materja. Wara li inqraw il-minuti li matulhom gew diskussi karrijietu u oggetti ta' ingombru u l-wieghda li kienet saret lill-Kunsill Lokali illi tinstab art fejn ikunu jistghu jitpoggew, gie stabbilit illi s-sur Caruana qatt ma kien prezenti ghad-diskussjonijiet.

19/01/03 Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jzomm mal-pozizzjoni li kienet ittiehdet originarjament. Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi l-fatti kienu juru illi l-Kunsill Lokali kien gie mwaqqaf milli jiehu azzjoni u kien gie mwieghed soluzzjoni *long term* li kienet giet imwieghda izda ma kenitx giet implimentata.

19/01/04 Wara diskussjoni libera, is-Sur Steven Grech ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali izomm mal-pozizzjoni originali li kienet ittiehdet u galadarba l-wieghda li kienet saret lill-Kunsill Lokali ma kenitx inzammet, jiehu azzjoni skond il-bye-law rispettiva. Filwaqt li ssekonda l-proposta tas-Sur Grech is-Sur Daniel Zerafa talab illi jigu rregistrati l-voti li kienu s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace Gauci | Favur |
| Is-Sur Steven Grech | Favur |
| Is-Sur Daniel Zerafa | Favur |
| Is-Sa. Janice Chetcuti | Favur |
| Is-Sur Stephen Caruana | Kontra |

Is-Sur Stephen Caruana qal illi kien ivvota kontra l-proposta mressqa peress illi kellu kunflitt ta' interess fil-materja.

Is-Seduta ntemmet fi 12:30 p.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 14/4/16